Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris. (Eur. Law)

Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Hubert Cini)
vs
Brian Pace

Illum 27 ta’ Dicembru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Brian Pace, iben Saviour u Miriam nee’ Agius, imwieled tal-Pieta fis-7 ta’ Awissu, 1978 u detentur tal-karta’ ta’ l-identita’ numru 377378(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli bejn Bormla u l-Birgu u f’dawn il-gzejjer fil-11 ta’ Lulju 1997 ghall-habta tan-12.30p.m. :

a) ikkommetta serq ta’ LM70 fi flus Maltin ghad-dannu ta’ Angelo Spiteri minn Bormla mill-vettura Hyundai Accent numru tar-registrazzjoni I-1360 liema serq hu aggravat

bix-xorta tal-haga misruqa bi ksur tal-artikoli 261 (g), 271 (G);

b) U aktar talli b'hekk sar recidiv b'sentenzi li saru definitivi fid-9 ta' Marzu 1995 u fil-21 ta' April, 1994 u fis-6 ta' Dicembru 1996 u fis-17 ta' Mejju 1996 mill-Qorti tal-Magistrati Malta fit-23 ta' Gunju 1994.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti inkluz l-imputat minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fil-11 ta' Lulju, 1997 certu Angelo Spiteri mar jirraporta l-ghassa ta' Bormla illi ftit tal-

hin qabel kien iltaqa mal-imputat fuq imsemmi illi kien tellghu fil-karozza tieghu sabiex jaghtih lift xi imkien lejn il-Birgu.  Angelo Spiteri kompla jirraporta lill-pulizija illi fil-post fejn il-'handbreak' fil-karozza tieghu kellu sebghin lira fi flus in kontanti u x'hin nizel mill-vettura tieghu l-imputat dawn il-flus ma sabhomx aktar.  Angelo Spiteri irrakkonta lill-pulizija illi fil-vettura tieghu kien hemm certu Charlie Brincat illi kien cahad illi kien ha dawn il-flus hu.  Charlie Brincat kien qal lill-pulizija illi l-istess Angelo Spiteri kien ta dawn is-sebghin lira lill-imputat sabiex jixtrilu id-droga bihom.  Dejjem skond l-Ex Spettur Hubert Cini l-imputat kien qal lill-Ispettur illi hu ha dawn is-sebghin lira, ma kienx bi hsiebu jixtri d-droga, imma kien bi hsiebu jzomm il-flus ghalih kif fil-fatt ghamel. L-imputat kien qal lill-Ispettur illi huwa kien ha dawn il-flus ghaliex Angelo Spiteri beda jiffittah biex jehodhom. Umbaghad meta nizlu l-Birgu baqa sejjer bil-flus b'kollox. Meta l-imputat gie mistoqsi mill-pulizija x'kien ghamel b'dawn is-sebghin lira l-imputat wiegeb li kien nefaq xi tletin lira minnhom peress illi kellu jaghti xi flus, nefaq xi seba' liri sigaretti u gelati, umbaghad mar id-dar bil-kumplament tal-flus.  Effettivament l-imputat kien ghadda s-somma ta' tmienja u ghoxrin lira lill-pulizija u qalilhom li din kienet is-somma rimanenti mis-somma originali ta' sebghin lira.

Illi effettivament il-Prosekuzzjoni esebiet stqarrija tal-imputat fuq imsemmi illi fiha jikkonferma dawn il-fatti.

Illi xehed Angelo Spiteri u qal illi fil-11 ta' Lulju, 1997 kien miftiehem ma Charlie Brincat sabiex flimkien imorru jixtru xi 'amplifier' ghall-karozza. Fil-fatt huma kienu hargu flimkien u spjega li dakinhar kellu xi flus hdejn il-'handbreak' tal-karozza tieghu. Hin minnhom raw lill-imputat fuq imsemmi u l-imputat talabhom iwassluh sal-Birgu kif fil-fatt ghamlu. Spiteri kompla jixhed illi meta waqfu lill-imputat il-Birgu huwa telaq jigri u Spiteri induna illi l-flus kienu naqsulu. Spiteri kompla jixhed illi meta nizel l-imputat mill-vettura huwa ma rax is-sebghin lira (LM70) hdejn il-'handbreak', huwa beda jqalleb il-karozza, beda jqalleb it-twappet u anke fittex lil Charlie li neza ukoll iz-zarbun minn fuqu u huwa anke fittixlu fiz-zraben. Spiteri cahad illi huwa kien ta l-flus lill-imputat. Qal illi l-imputat kien seraqlu dawn il-flus.

Illi xehed Charles Brincat u qal illi fil-gurnata in kwistjoni huwa kien flimkien ma Angelo Spiteri fil-karozza tal-istess Spiteri niezel lejn is-suq ta' Bormla. Huwa xehed illi f'xi hin Angelo Spiteri waqaf peress illi ra lill-imputat fuq imsemmi fit-triq. Angelo Spiteri tah xi flus minn got-tieqa tal-karozza. Umbaghad sussegwentement Angelo Spiteri mar l-ghassa. Skond Charles Brincat, Spiteri qallu illi kien sejjer l-ghassa

minhabba l-flus.  Brincat xehed illi ra lil Spiteri jaghti xi haga lill-imputat minn got-tieqa tal-karozza, umbaghad Spiteri qallu lil Brincat “ejja halli inmorru l-ghassa”.  Brincat xehed illi ma jafx ghalfejn Spiteri kien ta l-flus lill-imputat.

Illi xehed l-imputat u qal illi ried ibiddel il-parti tal-istqarrija tieghu fis-sens illi Angelo Spiteri kien tah il-flus dak il-hin. Huwa hareg mill-karozza, jigifieri l-imputat hareg mill-karozza u Spiteri tah il-flus u huwa telaq.  L-imputat xehed illi fil-gurnata in kwistjoni Angelo Spiteri waqaf hdejh u qallu, “Minn fejn ser ninqeda zewg grammi droga?”  Skond l-imputat qallu biex ihallih kwiet ghaliex dak iz-zmien huwa ma kienx qieghed jiehu droga.  Pero’ Spiteri kompla jiffittah u talbu jghamillu pjacir sabiex jixtrilu d-droga minn xi imkien.  L-imputat qal illi huwa ceda peress illi dak iz-zmien kellu xi dejn. L-imputat ha l-flus u kien bi hsiebu jiehu l-flus u jibqa sejjer bihom minflok ma jixtri d-droga lil Spiteri, kif kien talbu jaghmel Spiteri u kif huwa stess kien ipprometta illi kien ser jaghmel. L-imputat kompla jixhed illi tela fil-karozza ma Spiteri, talbu isuqu lejn il-Birgu.  Fil-karozza kien hemm ukoll Charlie Brincat, li kien qieghed quddiem u huwa kien qieghed wara, wara Angelo Spiteri.  Huwa qal lil Spiteri illi l-Birgu kien hemm xi hadd min fejn seta jixtri d-droga.  Umbaghad qallu ma rajt lil hadd, ibqa niezel lejn it-tlett mini ta’ Bormla u kif waslu lejn il-mini ta’ Bormla talab lil

Spiteri jistennih ghal xi ftit hin. Nizel mill-karozza u Spiteri qallu "ha l-flus mieghek". Meta hareg l-imputat mill-karozza Spiteri ghaddielu l-flus u huwa telaq 'l hemm. L-imputat kompla jixhed illi wara xi tlett minuti l-imputat saq bil-karozza u telaq lejn ghonq it-triq u huwa jigifieri l-imputat mar id-dar. L-ghada kienu gabruh il-pulizija. L-imputat kompla jixhed illi lil Charlie Brincat jafu ftit minn wiccu u lil Angelo Spiteri jafu ghaliex jiehu d-droga bhalu. L-imputat cahad illi ha s-sebghin lira (LM70) minn gol-karozza ta' Angelo Spiteri.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat fuq imsemmi jinsab akkuzat illi seraq is-somma ta' flus imsemmija; liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u jinsab akkuzat ukoll bir-recidiva.

Illi l-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha li gew prodotti tosserva illi l-imputat fuq imsemmi huwa xhud mhux kredibbli u dana peress illi meta xehed fil-Qorti huwa biddel il-verzjoni tieghu fejn ma ikkonfermax l-istqarrija li kien irrilaxxja lill-pulizija fit-12 ta' Lulju, 1997 fis-sens illi fl-istqarrija huwa kien qal illi Angelo Spiteri kien tah is-somma ta' flus imsemmija minn gol-garaxx ghaliex huwa kien mar mieghu l-garaxx u meta xehed huwa qal illi Angelo Spiteri

ghaddielu dawn il-flus meta huwa kien rikkbu fil-karozza tieghu, talbu jixtrilu d-droga, l-imputat hareg mill-karozza, wara li kien wasslu sa Bormla, resaq lejn in-naha tad-driver tal-karozza u Angelo Spiteri ghaddielu s-sebghin lira f'dak il-mument.

Illi meta l-Qorti tosserva illi l-imputat biddel il-verzjoni tieghu b'dan il-mod mhux gustifikat, il-Qorti tqisu bhala xhud mhux kredibbli.

Illi l-Qorti pero' rat li meta xehed fil-Qorti Charles Brincat li kien riekeb fil-vettura fin-naha ta' quddiem meta gara l-incident in kwistjoni, Brincat xehed illi Spiteri kien ghadda dawn il-flus lill-imputat u b'hekk allura tnissel dubbju ragonevoli f'mohh il-Qorti fis-sens illi Spiteri qieghed jghid illi l-flus kien qeghdin hdejn il-'handbreak' u illi l-imputat seraqhomlu minn hemm hekk.  Pero' Spiteri xehed ukoll illi fl-ebda mod ma ra lill-imputat jehodlu l-flus b'ghajnejh u iddeduca li kien hu peress illi fittex fil-karozza, fittex ukoll fuq Charlie Brincat, sahhansitra anke fiz-zraben tieghu u ra illi l-flus ma kienux fuqu u b'hekk iddeduca li kien seraqhomlu l-imputat u Brincat issa qieghed jixhed illi Spiteri kien ghadda minn jeddu dawn il-flus lill-imputat. Ghaldaqstant kif diga intqal peress illi tnissel dan id-dubbju ragonevoli f'mohh il-Qorti, kull dubbju skond il-Ligi ghandu

dejjem imur favur l-imputat u b'hekk il-Qorti qeghda tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi **mhux hati** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u qeghda **tilliberah** minn kull imputazzjoni, htija u piena.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur